MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 571/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd. (C 507)**

**vs**

**Arnold Sultana u martu Marcelle Sultana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm1,543) rapprezentanti import ta' tmintax-il (18) kambjala, wahda ta' Lm64 (bilanc) u sbatax ta' Lm87-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju, 2002, sa' Novembru, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 18 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza li sas-16 ta' Novembru, 2003 jammontaw ghal Lm102, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effetiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-16 ta' Marzu, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------